



Brussell, 1 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

9867/25

LIMITE

CORLX 552  
CFSP/PESC 834  
COAFR 128

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-  
Deċiżjoni (PESK) 2015/740 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni  
fis-Sudan t'Isfel

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...**

**ta' ...**

**li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/740  
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/740 tas-7 ta' Mejju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/449/PESK<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 117, 8.5.2015, p. 52, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2015/740/oj>.

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/740.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 12(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/740, il-Kunsill irrieżamina l-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni.
- (3) Il-Kunsill ikkonkluda li jenħtieġ li l-miżuri restrittivi kontra persuna waħda elenkata fl-Anness II tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/740 jinżammu u li jenħtieġ li tiġi aġġornata l-entrata għal dik il-persuna.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/740 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness II tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/740 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## ANNES

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/740, l-entrata Nru. 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
"1.	Michael MAKUEI LUETH	Data tat-twelid: 1947 Post tat-twelid: Bor, is-Sudan t'Isfel; Bor, is-Sudan Sess: raġel	Michael Makuei Leuth ilu jokkupa l-kariga ta' Ministru għall-Infommazzjoni u x-Xandir mill-2013 u għadu jżomm dik il-kariga fil-Gvern Tranżizzjonali ta' Unità Nazzjonali Rivitalizzata fis-Sudan t'Isfel. Huwa kien ukoll il-kelliem pubbliku għad-delegazzjoni tal-gvern għat-taħditiet ta' paċi tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp mill-2014 sal-2015 u mill-2016 sal-2018.  Michael Makuei Lueth ostakola, b'mod partikolari permezz ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi xewwiexa, l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar ir-Risoluzzjoni tal-Kunflitt fis-Sudan t'Isfel (ARCSS) ta' Awwissu 2015 (sostitwit f'Settembru 2018 mill-"ARCSS Rivitalizzata" (R-ARCSS)), il-ħidma tal-Kummissjoni Konġunta ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni tal-ARCSS (JMEC, li nġhatat l-isem ġdid "JMEC rikostitwita" fil-qafas tal-R-ARCSS), l-istabbiliment tal-Istituzzjonijiet tal-Ġustizzja Tranżizzjonali tal-ARCSS (previsti wkoll fl-R-ARCSS), u l-operazzjonijiet tal-Forza ta' Protezzjoni Reġjonali tan-Nazzjonijiet Uniti.	3.2.2018".

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Barra minn hekk, Michael Makuei Lueth huwa involut fir-restrizzjoni sistematika tal-ispazju politiku u demokratiku u fir-repressjoni tal-media, inkluż permezz ta' theddid regolari kontra l-ġurnalisti u appoġġ għaċ-ċensura tal-media, li tfixkel id-demokratizzazzjoni u l-paċi sostenibbli fis-Sudan t'Isfel.</p> <p>Mill-bidu tal-2025, Michael Makuei Lueth pubblikament ċaħad sejħiet għal djalogu, bl-użu ta' retorika konfrontattiva u xewwiexa f'ambjent dejjem aktar mimli tensjoni. Michael Makuei Lueth iddefenda wkoll l-arresti kontra l-Ewwel Viċi President Riek Machar u l-alleati tiegħu, u fixkel l-isforzi ta' dieskalazzjoni tas-sitwazzjoni.</p> <p>Għalhekk, Michael Makuei Lueth kien qed jostakola l-proċess politiku fis-Sudan t'Isfel u huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni.</p>	